

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Frar 2018 – Vakakis kai Synergates vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-292/15) <sup>(1)</sup>**(“Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta’ sejħa għal offerti — Ammissibbiltà — Użu ħażin ta’ proċedura — Kunflitt ta’ interessi — Obbligu ta’ diliġenza — Telf ta’ opportunità”)**

(2018/C 142/51)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Vakakis kai Synergates – Symvouloi gia Agrotiki Anaptixi AE Meleton, li kienet Vakakis International – Symvouloi gia Agrotiki Anaptixi AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: B. O’Connor, solicitor, S. Gubel u E. Bertolotto, avukati)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn F. Erlbacher u E. Georgieva, sussegwentement minn E. Georgieva u L. Baumgart, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża sabiex jingħata kumpens għad-dannu li allegatament sofriet ir-rikorrenti minħabba l-irregolarijiet imwettqa mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-sejħa għal offerti “Tisħiħ tas-sistema tas-sigurtà tal-ikel fl-Albanija” (EuropeAid/129820/C/SER/AL).

**Dispożittiv**

- 1) L-Unjoni Ewropea hija obbligata tikkumpensa għad-dannu li sofriet Vakakis kai Synergates – Symvouloi gia Agrotiki Anaptixi AE Meleton fir-rigward tat-telf ta’ opportunità li tingħata l-kuntratt “Tisħiħ tas-sistema tas-sigurtà tal-ikel fl-Albanija” (EuropeAid/129820/C/SER/AL) u għall-imposti u l-ispejjeż sostnuti fil-parteċipazzjoni f’din is-sejħa għal offerti.
- 2) Il-kumpens imsemmi fil-punt 1 ta’ dan id-dispożittiv għandu jiġi miżjud bl-interessi moratorji, li jibdew minn meta tingħata din is-sentenza u sal-ħlas sħiħ, bir-rata ffixxata mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għall-operazzjonijiet prinċipali tagħha ta’ finanzjament mill-ġdid, miżjuda b’żewġ punti perċentwali.
- 3) Ir-rikors huwa miċħud għall-bqija.
- 4) Il-partijiet għandhom jibagħtu lill-Qorti Ġenerali, f’terminu ta’ tliet xhur mid-data meta tingħata din is-sentenza, l-ammont ta’ kumpens ikkwantifikat, stabbilit bi ftehim bejniethom.
- 5) Fin-nuqqas ta’ ftehim, il-partijiet għandhom jibagħtu lill-Qorti Ġenerali, fl-istess terminu, it-talbiet tagħhom ikkwantifikati.
- 6) L-ispejjeż huma rriżervati.

<sup>(1)</sup> ĠU C 294, 7.9.2015.